**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 17 ta' Novembru 2022**

**Rikors Nru. 35/2021 GM**

**Alfred Degiorgio u George Degiorgio**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat, u b'digriet tas-26 ta' Frar 2021 l-Av Peter Caruana Galizia (ID 0030056M), Matthew Caruana Galizia (ID 0130886 M), Andrew Caruana Galizia (ID 0384287M), u Paul Caruana Galizia (ID 0008989M), gew awtorizzati jintervjenu fil-kawża.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Alfred Degiorgio (detentur tal-karta tal-identità bin-numru: 541264 (M)) u George Degiorgio (detentur tal-karta tal-identità bin-numru: 00164963 (M)) li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

**1. Il-fatti**

1.1. L-esponenti ilhom arrestati min-nhar l-4 ta' Diċembru, 2017 u nhar il-5 ta' Diċembru, 2017 l-esponenti flimkien ma' ċertu Vincent Muscat ġew imressqa

quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja (minn hawn 'il quddiem "il-Qorti Istruttorja") akkużati b'diversi reati, fost liema, talli f'dawn il-Gżejjer nhar is-16 ta' Ottubru, 2017 wara nofs in-nhar u fix-xhur ta' qabel din id-data dolożament bil-ħsieb illi joqtlu lill-persuna u ċjoè lil Daphne Caruana Galizia jew li jqegħdu l-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunawlha l-mewt;

1.2. Għalhekk kien hemm proċeduri ta' kumpilazzjoni għaddejjin fil-konfront ta' l-esponenti u ta' l-imsemmi Vincent Muscat quddiem il-Qorti Istruttorja;

1.3. Waqt illi kienu qegħdin jitressqu l-provi fil-kumpilazzjoni illi saret fil-konfront tagħhom u tal-akkużat l-ieħor, waqt illi kien għad hemm kwistjonijiet pendenti u fil-waqt illi l-Uffiċjala Prosekuturi u l-Avukat Ġenerali kien għadhom ma iddikjarawx illi eżawrew jew għalqu l-provi tagħhom, l-Avukat Ġenerali ppreżenta Att t'Akkuża fil-Qorti Kriminali kontrihom senjatament l-Att t'Akkuża bin-numru 7/2019;

1.4. Illum il-ġurnata ingħatat sentenza mill-Qorti Kriminali fuq l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-esponenti u mill-Avukat Ġenerali u l-esponenti interponew appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

1.5. Sadanittant ukoll, fuq talbiet illi saru kemm mill-esponenti kif ukoll mill-Avukat Ġenerali, il-Qorti Kriminali tat digriet nhar is-7 ta' Jannar, 2021 li bih ordnat li l-atti jiġu rimessi quddiem il-Qorti Istruttorja u dan sabiex, fost affarijiet oħra, ikunu eżebiti r-*recordings* reġistrati minn Melvin Theuma u li huma pertinenti għal każ tal-esponenti;

1.6. Dawn huma il-fatti fil-qasir ħafna. Issa ser jiġu spjegati l-ilmenti ta' l-esponenti;

**2. L-ewwel ilment: il-Qorti Istruttorja mhijiex qorti indipendenti u imparzjali.**

2.1. Il-ġbir tal-provi quddiem il-Qorti Istruttorja huwa dettat minn dak illi jgħid u jordna l-Avukat Ġenerali lil dik il-Qorti u dik il-Qorti għandha jdejha marbutin minn dak illi jiddettalha l-Avukat Ġenerali;

2.2. Dwar l-irwol tal-Avukat Ġenerali quddiem il-Qorti Istruttorja, il-Professur Anthony Mamo fin-*Notes on Criminal Procedure* jgħid illi *The functions of the Attorney-General commence from the day on which he receives the records of the enquiry made by the Court of Judicial Police as a Court of Enquiry* [illum il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja ossija dina l-Onorabbli Qorti]. *From that day and until the indictment is filed in H.M.'s Criminal Court* [illum il-Qorti Kriminali] *the Attorney-General enjoys a considerable measure of jurisdiction and may exercise certain most important **judicial** functions (Rex vs. Debono, C.C. 19/6/1933 – L.R. Vol. XXVIII p. IV p. 34).* Il-Professur Anthony Mamo fin-*Notes on Criminal Procedure* jgħid ukoll illi *If an indictment is filed the Attorney General, as already stated, appears as prosecutor before H.M.'s Criminal Court* [illum il-Qorti Kriminali] *at the trial of the offence. His jurisdiction then ceases and all his acts become subject to the jurisdiction of the Court. Here he appears as one of the two parties engaged in the judicial contest, to represent, it is true, the interests of the*

*community in the repression and punishment of crime, but nevertheless, as a party. For this reason, it is not open to the defendant to challenge or object to him* […] *L'avvocato della Corona, o chi ne fa legitimamente le veci in tutti gli atti del procedimento innanzi alla Corte Criminale, non è che parte; egli cioè esercita l'azione penale nell'interesse della società ed a nome del Re, e come in qualsiasi altro giudizio, così nei giudizi criminali, non ha senso allegare a sospetti e ricusazioni la parte avversa (C.C. Rex vs. S. Savona 4/3/1904).* ***It must be emphasized that this description of the Attorney-General as a 'party' applies to him only as <u>prosecutor before H.M.'s Criminal Court.</u> Before the filing of the indictment and so long as he is exercising the functions which we have already mentioned, assigned to him by the law with reference to the acts of the enquiry <u>he is not a party, but an authority independent of the Court of Inquiry and indeed, exercising a jurisdiction – as a general or chief magistrate – superior to that of that Court</u> (C.C. Rex vs. G. Debono 19/6/1933; Rex vs. G. Ebejer 4/5/1931 – L.R. Vol. XVIII p. IV, pp. 34, 37)***;

2.3. F'kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Ġunju, 1986 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Edward Cassar et** l-Avukat Ġenerali kien issottometta dan illi ġej: *Kif dejjem ġie ritenut mill-Qrati tagħna, l-esponenti, fil-kors ta' istruttorja għandu funzjonijiet u setgħat ġudizzjarji u fl-espletament ta' tali funzjonijiet u setgħat l-esponent hu ġerarkikament u ġurisdizzjonlment ogħla mill-Maġistrat Istruttur (ara <u>Sua Maestà il-Re vs. Geraldo Debono</u>, Corte Criminali, 19 Giunio, 1933, Vol. XXVIII.IV.34; u <u>Sua Maestà il Re vs. Geraldo Ebejer et</u>, Corte Criminale, 4 Maggio, 1931, Vol. XXVIII.IV.7; ara wkoll in-notamenti ta' Sir Anthony Mamo dwar il-proċedura penali (R.U.M. Publication), p. 142 u 144). Dan mhux qed jingħad b'xi sens triomfalistiku wisq anqas ta' suppervja, iżda sabiex jiġi sottolinejat li meta l-attijiet tal-Istruttorja jkunu għand l-esponent dawna ikunu għadhom f'sede ġudizzjarja <u>u jibqgħu l-attijiet tal-Qorti tal-Maġistrat tal-Pulizija Ġudizzjarja</u>* u l-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Ġunju, 1986 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Edward Cassar et**, hawn fuq imsemmija, dik l-Qorti irriteniet, fost affarijiet oħra, imbagħad dan illi ġej: *Illi fl-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet l-Avukat Ġenerali għandu poteri diskrezzjonali importanti u f'ċertu każ u f'ċertu sens jaġixxi f'vesti ta' ġudikant. Ingħad f'ċertu sens għax in realtà ċerti deċiżjonijiet li jista' jieħu l-Avukat Ġenerali jittieħdu mhux għax strettament għandu funzjoni li jiġġudika lill-imputat iżda in forza u bħala konsegwenza fil-fatt li f'idejh u f'idejh biss hi fdata d-deċiżjoni jekk jmexxix quddiem il-Qorti Kriminali permezz tal-Att tal-Akkuża jew jekk joħroġx "nulle prosequi".* […] *Infatti l-ewwel konklużjoni ovvja li temerġi minn eżami tad-dispożizzjonijiet li għalihom saret referenza hija li fil-qadi tal-funzjoni tiegħu li jippreżenta l-att tal-akkuża, l-Avukat Ġenerali mhux biss għandu d-dover li jara li l-atti tal-kumpilazzjoni li fuqhom neċessarjament l-Att tal-akkuża jrid jkun bażat jkunu istruwiti tajjeb iżda l-leġislatur ipprovdielu mezzi u poteri indiskutibilment idoneji biex fi żmien raġonevoli u mingħajr preġudizzju indebitu tal-akkużat jkun jista' jespleta dan l-inkarigu li tafdalu l-istess liġi kif ingħad. Issottometta tajjeb għalhekk l-Avukat Ġenerali appellant illi sakemm ikun għadu ma sarx l-att tal-Akkuża u purche jkun għadu fit-terminu stabbilit mil-liġi (jew dak oriġinali ta' xahar, jew dak prorogat) hu jista' dejjem jirrinvija* […] *U taqbel ukoll din il-Qorti li dan jemerġi mill-obbligu li għandu li jkompli jinvestiga u jistruwixxi, dejjem sa fejn hu umanament possibbli l-proċess, qabel ma jakkuża lil xi ħadd jew addirittura qabel ma jillibera lil xi ħadd jew qabel ma jordna rettifika tal-atti jew li l-kumpilazzjoni terġa' tibda mill-ġdid*;

2.4. In kwantu idejn il-Qorti Istruttorja huma marbutin minn dak illi jiddettalha u jordnalha l-Avukat Ġenerali, hija l-fehma tal-esponenti illi l-Qorti Istruttorja mhijiex qorti indipendenti u imparzjali u mhijiex qorti illi tagħti smigħ xieraq kif għandha tkun qorti jew awtorità ġudikanti kif garantit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta billi, fost affarijiet oħra, ma għandhiex diskrezzjoni jew ma għandhiex diskrezzjoni biżżejjed illi tirregola l-ġbir tal-provi Hija iżda jiddeċiedi l-Avukat Ġenerali illi huwa l-parti avversarja tal-esponenti f'dawk il-proċeduri u għalhekk il-proċeduri illi kien hemm pendenti fil-konfront tal-esponenti huma leżivi tal-jedd fundamentali tagħhom ta' smigħ xieraq;

2.5. L-esponenti qegħdin iressqu dan l-ilment tagħhom billi fil-konfront tagħhom ġie leż id-dritt għal smigħ xieraq kif garantit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta quddiem il-Qorti Istruttorja. Din il-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti seħħet mhux biss għaliex il-Qorti Istruttorja minnha innifisha hija Qorti illi ma toffrix il-garanziji ta' indipendenza u imparzjalità li suppost toffri qorti iżda wkoll għaliex f'aktar minn okkażjoni waħda l-Avukat Ġenerali uża l-poteri tiegħu illi jikkontrolla dak illi jiġri quddiem il-Qorti Istruttorja biex waqqaf u jibblokja lill-esponenti Alfred Degiorgio milli jagħmel kontro-eżami u milli jressaq provi in difeża billi l-Qorti Istruttorja hija subordinata għall-ordnijiet tal-Avukat Ġenerali;

2.6. B'hekk naslu għall-ilmenti jew episodji l-oħra formanti l-mertu ta' dina l-kawża u illi fil-fehma tal-esponenti jwasslu wkoll għal ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq;

**3. It-tieni ilment: l-esponenti Alfred Degiorgio ġie mċaħħad milli jagħmel kontro-eżamijiet**

3.1. L-esponenti Alfred Degiorgio jirrileva illi bl-eżerċizzju tal-poteri tal-Avukat Ġenerali fuq il-Qorti Istruttorja (jew b'abbuż tagħhom), huwa ġie mċaħħad milli jagħmel kontro-eżamijiet illi huwa ried jagħmel;

3.2. Matul il-kumpilazzjoni tal-provi l-esponenti Alfred Degiorgio ried illi jagħmel kontro-eżami lil uffiċjali tal-*Federal Bureau of Investigation* (FBI) li kienu xehdu quddiem il-Qorti Istruttorja. B'rikors ta' nhar it-23 ta' April, 2019 ippreżentat fl-atti tal-kumpilazzjoni, l-esponenti talab illi jagħmel il-kontro-eżami ta' tali uffiċjali. F'din l-okkażjoni, l-Avukat Ġenerali irrikonoxxa li l-esponenti seta' jagħmel kontro-eżami lil dawn ix-xhieda. B'digriet mogħti mill-Qorti Istruttorja nhar il-25 ta' April, 2019, il-Qorti Istruttorja awtorizzat is-smigħ tal-kontro-eżami ta' dawn ix-xhieda;

3.3. Matul il-kumpilazzjoni kien xehed ukoll ċertu Mario Cmarec, espert nominat fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali, u l-esponenti Alfred Degiorgio kien irriżerva d-dritt illi jgħammillu kontro-eżami. Huwa ried illi jagħmel kontro-eżami lil dan ix-xhud u b'rikors ippreżentat minnu quddiem il-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' Lulju, 2019 talab illi tinstema' x-xhieda tiegħu in kontro-eżami. Din it-talba ġiet milqugħa mill-

Qorti Kriminali b'digriet illi ingħata nhar il-11 ta' Lulju, 2019 illi permezz tiegħu wara li ġiet ordnata komunika lill-Avukat Ġenerali, huwa ġie ordnat jagħmel dak kollu provdut fl-artikolu 405 (5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3.4. Evidentament però l-Avukat Ġenerali ma riedx joqgħod għal dik l-ordni mill-Qorti Kriminali u kuntrarjament għal dak illi kien ġara fl-okkażjoni fejn l-esponenti kien talab illi jagħmel kontro-eżami lill-uffiċjali tal-*Federal Bureau of Investigation* (FBI), waqt l-udjenza ta' nhar il-15 ta' Lulju, 2019 quddiem il-Qorti Istruttorja, l-Avukat Ġenerali ivverbalizza illi din ma kenitx il-proċedura idonea sabiex jitħarrku xhieda barranin;

3.5. Filwaqt illi dan kien kollu kontradittorju għal dak illi kien ġjà ġara fil-kors ta' l-istess kumpilazzjoni u ma kienx legalment korrett, l-avukat tal-esponenti iddikjara illi ser jirregola ruħu u dakinhar ġew erronjament verbalizzati żewġ differimenti b'dan il-mod: *Qed tiġi iffissata seduta fit-2 ta' Awwissu, 2019 fid-9.30 a.m. L-Atti qegħdin jiġu rimessi lill-Avukat Ġenerali. Il-kawża differita 26.08.2019 fid-9.30 a.m.*;

3.6. L-Avukat Ġenerali ippreżenta l-Att t'Akkuża kontra l-esponenti nhar is-16 ta' Lulju, 2019, jiġifieri l-għada tal-imsemmija udjenza quddiem il-Qorti Istruttorja u għalhekk l-atti tal-kumpilazzjoni ma baqgħux quddiem il-Qorti Istruttorja iżda intbagħatu lill-Qorti Kriminali;

3.7. B'dak illi ġara, jidher b'mod ċar u evidenti illi l-Avukat Ġenerali ma obdiex l-ordni mogħtija lilu mill-Qorti Kriminali u illi huwa jista', u effettivament hekk għamel, iġib fix-xejn id-dritt tal-esponenti illi jagħmel kontro-eżamijiet u inoltre juri illi d-differiment mogħti mill-Qorti Istruttorja għalih ma jiswa' xejn għaliex huwa għandu setgħat ogħla minn ta' dik il-Qorti li hija dejjem subordinata għas-setgħat tiegħu. Fi kliem ieħor, l-Avukat Ġenerali neħħa t-tapit minn taħt saqajn il-Qorti Istruttorja u bblokkja u waqqaf lill-imsemmija Qorti Istruttorja milli tisma' x-xhieda in kontro-eżami tal-imsemmi xhud Mario Cmarec, ibblokkja u waqqaf lill-esponenti mill-jedd tiegħu mogħti lilu mil-liġi u akkordat mill-Qorti Kriminali illi jressaq lil tali xhud in kontro-eżami u ċaħħad għal kollox lill-esponenti mill-opportunità illi jirregola ruħu. Għalkemm l-Avukat Ġenerali jista' jargumenta illi legalment huwa seta' jipproċedi kif għamel, il-fatt jibqa' illi l-Qorti Istruttorja mhix qorti indipendenti u imparzjali u illi tiggarantixxi smigħ xieraq lill-esponenti iżda hija qorti subordinata għall-aġir tal-Avukat Ġenerali illi teknikament kien il-parti *ex adverso* anke quddiem il-Qorti Istruttorja. Din is-sitwazzjoni illi tagħti lok għal ksur tad-drittijiet fundamentali hija waħda lampanti: il-parti kuntrarja jew *ex adverso* ossija l-Avukat Ġenerali għandu diskrezzjoni illi jikkmanda l-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja b'mod illi jippreġudika l-jeddijiet tal-esponenti kif fil-fatt għamel;

3.8. L-esponenti ilmentaw minn dan kollu quddiem il-Qorti Kriminali fil-forma ta' eċċezzjoni preliminari u dan biex ma jiġux l-intimati jew min minnhom u jgħidu li ma eżawrewx xi rimedju ordinarju. L-eċċezzjoni preliminari li tressqet taqra hekk: *Illi ai termini ta' l-artikolu 597 (4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti jeċċepixxi illi l-att tal-akkuża huwa null minħabba difett fl-atti tal-kompilazzjoni liema difett jikkonsisti fir-rifjut tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja, mingħajr raġuni tajba, illi tisma' ix-xhieda ta' Mario Cmarec kif mitlub mill-esponenti bir-rikors tiegħu ippreżentat quddiem dina l-Onorabbli Qorti nhar id-*

*9 ta' Lulju, 2019 li jinstab a fol. 8705 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni u liema talba kienet ġiet milqugħa minn dina l-Onorabbli Qorti b'digriet tagħha illi ingħata nhar il-11 ta' Lulju, 2019 u li jinstab a fol. 8708 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni illi permezz tiegħu wara li ġiet ordnata komunika lill-Avukat Ġenerali, huwa ġie ordnat jagħmel dak kollu provdut fl-artikolu 405 (5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Waqt l-udjenza ta' nhar il-15 ta' Lulju, 2019, l-Avukat Ġenerali ivverbalizza illi din ma kenitx il-proċedura idonea sabiex jitħarrku xhieda barranin però bir-rispett kollu lejh huwa kien qiegħed evidentament jiżvija lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja billi l-artikolu 405 (5) tal-Kap. 9 huwa l-liġi illi tirregola kif imputat quddiem dik il-Qorti għandu jitlob li jinstemgħu jew jerġgħu jinstemgħu xhieda u dan il-fatt kien ġie rikonoxxut kemm minn dik il-Qorti stess kif ukoll mill-Avukat Ġenerali nnifsu meta l-esponenti talab illi jitressqu sabiex jixhdu in kontro-eżami l-uffiċjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) b'rikors ta' nhar it-23 ta' April, 2019 a fol. 8495 tal-atti tal-kumpilazzjoni u b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja nhar il-25 ta' April, 2019 a fol. 8496 u kif rikonoxxut ukoll mill-istess Avukat Ġenerali fil-verbal tal-udjenza ta' nhar it-22 ta' Mejju, 2019*;

3.9. Madanakollu din l-eċċezzjoni preliminari ġiet miċħuda għaliex il-Qorti Kriminali irriteniet illi ma irravviżat l-ebda difett kif kuntemplat fl-artikolu 597 (4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta billi ma kien hemm ebda rifjut min-naħa tal-Qorti Istruttorja li tisma' lil dan ix-xhud. Huwa għalhekk illi l-esponenti qegħdin jilmentaw mill-poteri illi l-Avukat Ġenerali għandu quddiem il-Qorti Istruttorja;

**4. It-tielet ilment: l-esponenti Alfred Degiorgio ġie mċaħħad milli jressaq provi**

4.1. L-esponenti Alfred Degiorgio jirrileva illi bl-eżerċizzju tal-poteri tal-Avukat Ġenerali fuq il-Qorti Istruttorja (jew b'abbuż tagħhom), huwa ġie mċaħħad milli jressaq provi illi huwa ried jagħmel;

4.2. B'rikors ippreżentat mill-esponenti Alfred Degiorgio quddiem il-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' Lulju, 2019 huwa talab illi a tenur tal-artikolu 405 (5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jibgħat lura l-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq ċitati lill-Qorti Istruttorja sabiex dina taġixxi fit-termini tad-dispost tal-artikolu 405 (5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Kummissarju tal-Pulizija jiġi ordnat iħarrek bħala xhieda l-uffiċjal jew l-uffiċjali tal-Pulizija Federali Ġermaniża magħrufa bħala *Bundeskriminalamt* (fil-qasir "BKA") sabiex jixhdu u jeżebixxu ż-żewġ *laptops* u tliet *hard-drives* imsemmija f'dak ir-rikors;

4.3. Din it-talba kienet ġiet milqugħa mill-Qorti Kriminali b'digriet ta' nhar il-11 ta' Lulju, 2019;

4.4. Kif ġjà ingħad, waqt l-udjenza ta' nhar il-15 ta' Lulju, 2019, l-Avukat Ġenerali ivverbalizza illi din ma kenitx il-proċedura idonea sabiex jitħarrku xhieda barranin. Wara l-Avukat Ġenerali ppreżenta l-Att t'Akkuża kif ingħad hawn fuq ukoll u għalhekk ibblokkja u waqqaf lill-esponenti mill-jedd tiegħu mogħti lilu mil-liġi u akkordat mill-Qorti Kriminali illi jressaq lil tali xhieda u ċaħħad għal kollox lill-esponenti mill-opportunità illi jirregola ruħu dwar l-oġġezzjoni infondata illi għamel l-Avukat Ġenerali;

4.5. Eċċezzjoni prelminari imqajma dwar dan l-inċident ġiet ukoll miċħuda bis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar it-30 ta' Ottubru, 2020;

4.6. Hawn l-esponenti, b'mod partikolari Alfred Degiorgio, jtennu illi ma jistax ikollok Qorti illi hija subordinata għad-diskrezzjoni tal-prosekutur, f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali, illi ma titħallix tagħmel dak illi jiġi ordnat lilha mill-Qorti Kriminali bl-aġir tal-Avukat Ġenerali. B'hekk il-Qorti Istruttorja mhijiex qorti indipendenti u imparzjali u ma tistax tiggarantixxi l-għoti ta' smigħ xieraq u hija sottomessa għal aġir (anke jekk abbużiv) tal-Avukat Ġenerali;

4.7. Inoltre, kif ser jirriżulta ampjament matul it-trattazzjoni ta' dina l-kawża, il-Qorti Istruttorja ma tatx smigħ xieraq lill-esponenti għaliex naqset illi tisma' l-provi illi huwa talab kemm-il darba mir-rappreżentant tal-kumpannija Vodafone Limited. Agħar minn hekk, f'dan ir-rigward kemm l-Avukat Ġenerali, il-prosekuzzjoni u l-parte civile kienu talbu illi jinħatar espert appożitament matul l-udjenza ta' nhar il-5 ta' Diċembru, 2018 għal-liema talba l-esponenti ma kellhom l-ebda oġġezzjoni iżda l-Qorti Istruttorja naqset għal kollox milli tipprovdi fuq tali talba, l-Avukat Ġenerali ma bagħat l-ebda rinviju biex jinħatar tali espert u għadda biex ippreżenta l-Att t'Akkuża meta tali espert kien għadu ma nħatarx;

**5. Ir-raba' ilment: l-esponenti Alfred Degiorgio ġie mċaħħad milli jkollu talbiet tiegħu ikkunsidrati.**

5.1. Nhar it-12 ta' Lulju, 2019 l-esponenti Alfred Degiorgio ppreżenta tliet (3) rikorsi quddiem il-Qorti Istruttorja illi bihom talab dan illi ġej:

(i) li l-Qorti Istruttorja taħtar jew testendi l-inkariġi tal-Perit Richard Aquilina u tal-espert Keith Cutajar sabiex (i) isir aċċess ieħor u jiġi identifikat il-post fejn l-imsemmi xhud Carmel Wallace Sammut jgħid illi kien jara karozza u persuna li huwa jsejjaħ "fejn il-barriera"; (ii) issir pjanta ta' tali post; (iii) jittieħed filmat u (iv) titkejjel id-distanza bejn dan il-post u l-post fejn kien sar l-aċċess matul il-kumpilazzjoni liema distanza tiġi kjarament indikata fuq pjanta redatta appożitament;

(ii) li l-Qorti Istruttorja tordna illi l-espert nominat Dr Martin Bajada jiġi awtorizzat u ordnat jirrelata ulterjorment u b'mod partikolari sabiex jidentifika kemm-il *mobile* uża, ikkomunika jew qabad mas-*cell towers* identifikati bħala relevanti għal mertu ta' dawn il-proċeduri dakinhar tas-16 ta' Ottubru, 2017;

(iii) li l-Qorti Istruttorja fl-ewwel lok tordna lill-prosekuzzjoni sabiex tagħmel l-arranġamenti kollha sabiex issir *simulation* kif hawn fuq ingħad u b'mod partikolari sabiex jirriżulta bi provi empiriċi u xjentifiċi jekk jistax ikun illi *text message* partikolari mibgħut minn *mobile* għal *device* ieħor jistax tabilħaqq jintuża u effettivament jixgħel bomba u fit-tieni lok taħtar dawk l-esperti kollha idonej fil-qasam sabiex jirrelataw dwar tali *simulation* u dana taħt dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa u opportuni.

5.2. L-Avukat Ġenerali ppreżenta r-risposta tiegħu għal dawn ir-rikorsi nhar il-15 ta' Lulju, 2019 quddiem il-Qorti Istruttorja. L-għada, nhar is-16 ta' Lulju, 2019, l-

Avukat Ġenerali ppreżentata l-Att t'Akkuża quddiem il-Qorti Kriminali u nhar it-18 ta' Lulju 2019, il-Qorti Istruttorja fid-digrieti tagħha ddikjarat li ma kenitx aktar kompetenti tittratta l-mertu ta' dawn ir-rikorsi;

5.3. B'hekk dak illi effettivament għamel l-Avukat Ġenerali, l-esponenti Alfred Degiorgio ġie mċaħħad milli jkollu talbiet tiegħu ikkunsidrati u effettivament it-talbiet tiegħu ma ġewx ikkunsidrati;

**6. Il-ħames ilment: il-Qorti Istruttorja mhijiex qorti indipendenti u imparzjali u ma tiggarantix smigħ xieraq billi ma jeżistix stadju tal-provi tad-difiża u billi l-Avukat Ġenerali jista', kif fil-fatt għamel, iwaqqaf u jibblokka lill-imputat milli jressaq il-provi tiegħu.**

6.1. Quddiem il-Qorti Istruttorja imputat jista' jressaq provi però d-drittijiet tiegħu huma ferm limitati u arġinati meta mqabbla ma' dawk tal-Avukat Ġenerali tant illi ma jeżisti l-ebda stadju tal-provi difiża;

6.2. Barra minn hekk, l-Avukat Ġenerali jista' juża', jew, l-esponenti jazzardaw jgħidu jabbuża, minn dak illi tipprovdi l-liġi u jwaqqaf u jibblokka kompletament milli imputat iressaq il-provi;

6.3. Hekk ġara fil-każ odjern. Malli l-esponenti Alfred Degiorgio kien ser iressaq xi provi l-Avukat Ġenerali ma ħallieħx u neħħa t-tapit minn taħt saqajn il-Qorti Istruttorja. L-Avukat Ġenerali waqqaf u ibblokka s-smigħ ta' xhieda da parti tal-esponenti. Agħar minn hekk, l-Avukat Ġenerali għażel illi, mingħajr ma formalment jiddikjara illi għalaq il-provi tiegħu quddiem il-Qorti Istruttorja, jippreżenta l-Att t'Akkuża biex b'hekk ħadd mill-esponenti ma kellu aktar il-jedd jitlob is-smigħ ta' xhieda quddiem il-Qorti Istruttorja. Fil-waqt illi l-Avukat Ġenerali jista' jargumenta illi huwa għamel dan bis-setgħat illi tagħtih il-liġi huwa aktar milli evidenti illi l-Qorti Istruttorja ma tagħtix smigħ xieraq lil min huwa fil-pożizzjoni tal-esponenti u illi kwalunkwe diskrezzjoni mogħtija lilu mil-liġi hija tant wiesgħa illi b'mod ġenerali u b'mod partikolari fil-każ tal-esponenti twassal għal vjolazzjoni tal-jedd ta' smigħ xieraq u twassal għal ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms*;

**7. Is-sitt ilment: espert nominat mill-Qorti Istruttorja ma instemax fuq l-inkarigu mogħti lilu.**

7.1. L-esponenti jilmentaw ukoll illi l-Avukat Ġenerali waqqaf milli jinstema' espert nominat mill-Qorti Istruttorja dwar l-inkarigu mogħti lilu;

7.2. Matul il-kors tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja kien ġie nominat bħala espert l-Imħallef Irtirat Michael Mallia b'digriet mogħti nhar it-3 ta' Mejju, 2019 bl-inkarigu hemm imsemmi, liema inkarigu ġie wara estiż b'digriet ieħor ta' nhar it-23 ta' Mejju, 2019;

7.3. Minkejja n-nomina ta' dan l-espert, l-Avukat Ġenerali qatt ma inkluda ismu bħala xhud fin-noti ta' rinviju illi huwa kien jibgħat lill-Qorti Istruttorja biex huwa jinstema' dwar l-inkarigu mogħti lilu u bil-preżentata tal-Att t'Akkuża fil-konfront tal-esponenti l-Avukat Ġenerali effettivament ipprekluda s-smigħ ta' dan l-espert. Din hija inċidenza oħra fejn b'dak illi għamel l-Avukat Ġenerali waqqaf illi tinġieb

prova konsistenti fil-ħatra ta' espert nominat fuq talba illi kien għamlu l-esponenti jew min minnhom;

**8. Is-seba' ilment: minkejja l-fatt illi l-Qorti Kriminali irrimandat l-atti lura lill-Qorti Istruttorja u ordnat, *inter alia*, li jkunu eżebiti r-*recordings* reġistrati minn Melvin Theuma u li huma pertinenti għal każ tal-esponenti, il-Qorti Istruttorja tat digriet li bih irrifjutat li tagħmel dak ordnat lilha mill-Qorti Kriminali u effettivament ċaħdet talba tal-esponenti li kienet diġà ġiet milqugħa mill-Qorti Kriminali.**

8.1. F'dan l-inċident jispikka bl-aktar mod evidenti kemm il-Qorti Istruttorja mhijiex qorti indipendenti u imparzjali iżda hija sottomessa għal dak illi jgħidilha l-prosekutur;

8.2. Kif ingħad hawn fuq, il-Qorti Kriminali tat digriet nhar is-7 ta' Jannar, 2021 li bih ordnat li l-atti jiġu rimessi quddiem il-Qorti Istruttorja u dan sabiex, fost affarijiet oħra, ikunu eżebiti r-*recordings* reġistrati minn Melvin Theuma u li huma pertinenti għal każ tal-esponenti. Dan id-digriet effettivament jikkontjeni ordni mill-Qorti Kriminali lill-Qorti Istruttorja x'għandha tagħmel;

8.3. Iżda bħas-soltu, fejn jidħlu d-drittijiet tal-esponenti ripetuament ikkalpestati, il-prosekutur qajjem argument dwar jekk hemmx *recordings* li għandhom jiġu eżebiti. Il-punt ma kienx jekk kienx veru illi ma ġewx eżebiti r-*recordings* kollha għaliex il-prosekutur jaqbel illi ma eżebihomx. Il-punt kien illi ma ried jeżebixxi xejn iktar u saħansitra azzarda jiddikjara huwa x'inhuwa pertinenti u mhuwiex pertinenti għall-każ tal-esponenti. Il-Qorti Istruttorja semgħet is-sottomissjonijiet u iddikjarat illi ser tagħti digriet;

8.4. Fis-seduta tal-bieraħ 21 ta' Jannar, 2021 il-Qorti Istruttorja tat digriet li bih irraġunat illi l-prosekutur stqarr illi r-*recordings* ma għandhom l-ebda pertinenza għall-esponenti, li t-talba tal-esponenti mhijiex konformi mal-Kodiċi Kriminali, li t-talba tal-esponenti mhijiex skont id-digriet tal-Qorti Kriminali u b'hekk irrifjutat l-eżebizzjoni tar-*recordings*;

8.5. Dak illi effettivament ġara huwa illi l-Qorti Istruttorja, għaliex hekk qalilha l-prosekutur, irrifjutat illi tagħmel dak ordnat lilha mill-Qorti Kriminali fid-digriet tas-7 ta' Jannar, 2021. Il-Qorti Istruttorja ma kenitx f'pożizzjoni illi tiddeċiedi li dak ordnat ilha mill-Qorti Kriminali (mhux sempliċement mitlub mill-esponenti) mhuwiex skont il-Kodiċi Kriminali. Lanqas setgħet tistrieħ fuq id-dikjarazzjoni tal-prosekutur dwar jekk prova illi mhijiex in atti hijiex pertinenti jew le għall-każ tal-esponenti;

8.6. Il-Qorti Istruttorja ma tatx u mhijiex ser tagħti lill-esponenti smigħ xieraq għaliex anke meta tkun ordnata tagħmel xi ħaġa mill-Qorti Kriminali, hija tirrifjuta illi tgħamilha mal-anqas oġġezzjoni li ssirilha mill-prosekuzzjoni u dana huwa sntomatiku tal-fatt illi l-Qorti Istruttorja mhijiex qorti indipendenti u imparzjali;

**9. Konklużjoni**

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-fatti suesposti jagħtu lok għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Tiddikjara u tiddeċiedi b'mod partikolari iżda mhux limitatament illi l-fatt illi l-ġbir tal-provi mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja huwa dettat minn dak illi jgħid l-Avukat Ġenerali u dik il-Qorti jidher illi għandha idejja marbutin minn dak illi jiddettalha l-imsemmi intimat u ma għandhiex diskrezzjoni fir-rigward kif hawn fuq premess jikser id-dritt fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iii) Tiddikjara u tiddeċiedi wkoll illi d-diskrezzjoni wiesgħa illi għandu l-Avukat Ġenerali in kwantu proċeduri quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja iwasslu b'mod ġenerali u taw lok fil-każ partikoalri tal-esponenti għal ksur tad-dritt fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iv) Tiddikjara u tiddeċiedi wkoll illi b'mod partikolari minħabba l-inċidenzi hawn fuq imsemmija jew liem wieħed minnhom ġie miksur id-dritt fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

(v) Tiddikjara u tiddeċiedi wkoll illi d-digriet mogħti mill-Qorti Istruttorja ilbieraħ 21 ta' Jannar, 2021 huwa, fost l-oħrajn, leżiv tad-dritt fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

(vi) Konsegwentament tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkluż iżda mhux biss billi tordna jew illi l-atti tal-kumpilazzjoni fil-konfront tal-esponenti jiġi imħassra u mibdija mill-bidu jew alternattivament l-atti tal-kumpilazzjoni jintbagħtu lura quddiem il-Qorti Istruttorja biex tisma' kull prova illi ma semgħetx u tipprovdi dwar kull talba illi ma tat l-ebda provvediment fuqha u inoltre billi tħassar u tannulla d-digriet mogħti mill-Qorti Istruttorja lbieraħ 21 ta' Jannar, 2021 u tordna

lill-Qorti Istruttorja tagħmel dak ordnat lilha mill-Qorti Kriminali fid-digriet tas-7 ta' Jannar, 2021;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Avukat Generali u tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepew illi :

L-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma msejsa fuq seba' binarji u cioe' li allegatament (a) il-Qorti Istruttorja mhijiex qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrent Alfred Degiorgio ġie mċaħħad milli jagħmel kontro-examijiet; (ċ) ir-rikorrent Alfred Degiorgio ġie mċaħħad milli jressaq provi; (d) ir-rikorrent Alfred Degiorgio ġie mċaħħad milli jkollu talbiet tiegħu ikkunsidrati; (e) il-Qorti Istruttorja mhijiex qorti indipendenti u imparzjali u ma tiggarantix smigħ xieraq billi ma jeżistix stadju tal-provi tad-difiża u billi l-Avukat Ġenerali jista', kif fil-fatt għamel, iwaqqaf u jibblokka lill-imputat milli jressaq il-provi tiegħu; (f) espert nominat mill-Qorti Istruttorja ma instemax fuq l-inkarigu mogħti lilu; u (ġ) minkejja l-fatt illi l-Qorti Kriminali irrimandat l-atti lura lill-Qorti Istruttorja u ordnat, inter alia, li jkunu eżeibiti r-recordings reġistrati minn Melvin Theuma u li huma pertinenti għal każ ta' l-esponenti, il-Qorti Istruttorja tat digriet li bih irrifjutat li tagħmel dak ordnat lilha mill-Qorti Kriminali u effettivament ċaħdet talba tar-rikorrenti li kienet diġa' ġiet milqugħa mill-Qorti Kriminali; li skont ir-rikorrenti iwassal għal leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif protett permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:

1. In linea preliminari, l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u għandu għalhekk jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. In linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu l-proċeduri kriminali in konfront tar-rikorrenti għadhom pendenti, l-esponenti jeċċpixxu formalment l-intempestivita' ta' dina l-azzjoni u dan in kwantu l-lanjanzi tar-rikorrenti huma mibnija fuq allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. L-esponenti jirrileva illi sabiex ikun jista' jiġi determinat jekk ir-rikorrenti ġarrbux ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom protetti b dan l-artikolu, irid jiġi eżaminat il-proċess kriminali kollu fit-totalita' tiegħu. Illum dak il-proċess kriminali għadu qiegħed jiżvolġi u huwa għalhekk impossibbli li jsir l-eżerċizzju ta' eżami sħiħ tiegħu kif tirrikjedi lanjanza ta' allegat ksur tad-dritt għas-smigħ xieraq.

Ġie stabbilit b'mod kostanti fil-ġurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalita' tiegħu. Bħala regola, sabiex jkun jista' jiġi apprezzat jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru iżda jrid iħares u jeżamina jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri jkunux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sustanza u fl-apparenza

(ara *Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et* deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996).

Sabiex jiġu applikati l-elementi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (ara *Fenech vs Avukat Ġenerali* deċiża fl-4 ta' Awwissu 1999 – Vol. LXXXIII.i.213). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konkluzjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (*Pullicino vs Onor. Prim Ministru et* deċiża fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).

Ir-rikorrenti ma jistgħux jaslu għall-konkluzjoni li ġie miksur id-dritt tagħhom ta' smigħ ladarba l-proċeduri kriminali għadhom pendenti, allura r-rikorrenti jgawdu mis-salvagwardji kollha tal-proċess ġudizzjarju.

Għalhekk il-fatt waħdu li r-rikorrenti qegħdin jqajmu allegazzjonijiet kif imfissra aktar 'il fuq f'dina r-Risposta tali allegazzjonijiet ma ssostnux l-ilment tal-ksur ta' dritt ta' smigħ xieraq għaliex dawn waħidhom mhumiex determinanti tal-kwistjoni minnhom sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur. Jiġi b'hekk li l-ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq jista' jiġi eżaminat biss ladarba l-proċess kriminali tagħhom jiġi konkluż;

3. In preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti qegħdin jabbużaw mill-proċess kostituzzjonali stante illi huma qegħdin jadoperaw proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta għandhom a disposizzjoni tagħhom rimedju ordinarju sabiex iħarsu d-drittijiet pretiżi minnhom. In fatti, ir-rikorrenti għandhom rimedju ordinarju liema rimedju ordinarju diġa' eżerċitaw u jistgħu jerġgħu jeżerċitaw għax-xhieda ġdida li qiegħda tinġabar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tramite l-eċċezzjonijiet preliminari intavolati minnhom qabel ma jiġi ċelebrat il-ġuri. Effettivament l-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari huwa intiż sabiex kwistjonijiet bħal dawk li qegħdin jitqajjmu mir-rikorrenti fir-rikors promotur jiġu deċiżi mill-Qorti Kriminali bid-dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali qabel jibda jinstema' l-ġuri.

Għaldaqstant huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan ai termini tal-*proviso* għall-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* għall-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, stante l-eżistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju.

4. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jibdew billi jissottomettu li l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-liġi. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jmur oltre meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u jista' jsir quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-esponenti jirrilevaw li ma sar xejn

matul il-proċeduri kriminali in konfront tar-rikorrenti li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' proċess ġjust.

L-esponenti jissottomettu li l-proċedura kriminali li qed jiġu attakkati mir-rikorrenti mhumiex imtappna bl-ebda vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. F'dan ir-rigward l-esponenti jissottometu li (a) il-proċeduri kollha qed jinżammu u qed jiġu determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrenti għandhom aċċess għall-qorti; (ċ) is-smigħ kollu kien kondott fil-preżenza tagħhom; (d) il-partijiet kollha ġew trattati b'mod ugwali mingħajr ma kien hemm l-ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (e) ir-rikorrenti qegħdin jingħataw l-opportunita' kollha li jiddefendu l-każ tagħhom mingħajr xkiel; (f) ir-rikorrenti jinstabu megħjun minn avukat ta' fiduċja tul il-proċeduri; u (ġ) ir-rikorrenti qegħdin jingħataw ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tagħhom.

5. Għal dak li jirrigwarda l-allegat nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita' tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja, l-esponenti jirribattu li l-kunċett ta' imparzjalita' suġġettiva u/jew oġġettiva ta' ġudikant ma tiddependix fuq l-opinjoni ta' parti f'kawża: ċertament li tali opinjoni mhijiex deċiżiva iżda dak li jrid jintwera huwa li d-dubju fuq l-imparzjalita' tkun ġustifikata b'mod oġġettiv. Dan ifisser li huwa neċessarju li jkun hemm dubju leġittimu dwar l-imparzjalita' suġġettiva u/jew oġġettiva ta' ġudikant naxxenti minn fatti u dan peress li l-ġudikant huwa dejjem preżunt li huwa imparzjali.

Dak li qed jiġi allegat fir-rikors promotur mhuwiex dirett in konfront tal-Maġistrat personalment u cioe' li l-Maġistrat li qiegħda tisma' l-kumpilazzjoni hija b'xi mod karenti mit-test suġġettiv u/jew oġġettiv iżda dak li qed jallega r-rikorrenti hija li l-qafas legali penali u cioe' l-provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali jagħtu poteri lill-Avukat Ġenerali u senjatament ġialadarba huwa l-Avukat Ġenerali li fir-rinviju jindika dik ix-xhieda li l-Prosekuzzjoni għandha tipproduċi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja allura skont ir-rikorrenti dan iwassal għall-leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq. L-esponenti jirrilevaw li dan il-fatt fih innifsu bl-ebda mod ma jista' jiġi nterpretat li b'xi mod għandu jwassal għall-nuqqas ta' imparzjalita' jew indipendenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja. Illi jekk wieħed jara x'inhija l-funzjoni tal-Qorti Istruttorja wieħed isib li dina l-Qorti għandha l-kompitu li tiġbor il-provi iżda fl-ebda stadju ma tiddeċiedi l-ħtija o meno tal-imputat. Illi aktar minn hekk kull xhud li jinġieb quddiem il-Qorti Istruttorja jista' jiġi kontro-eżaminat mill-imputat liema kontro eżami jservi bħala kontroll da parti ta' l-istess imputat. Illi l-allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li l-Avukat Ġenerali qiegħed iwaqqaf lir-rikorrenti milli jagħmlu kontro-eżamijiet trid tiġi inkwadrata fil-funzjoni li għandha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li xogħolha huwa biss li tiġbor il-provi u f'każ li r-rikorrenti ma jagħmilx kontro-eżamijiet quddiem dik il-qorti, l-istess rikorrenti jikkontro-eżamina x-xhieda tal-Prosekuzzjoni waqt il-ġuri. Skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, kull xhud li jittella' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja xorta waħda jrid jerġa' jittella' sabiex jixhed quddiem il-Qorti Kriminali waqt il-ġuri u f'dak l-istadju l-akkużat ikun jista' jagħmel il-kontro eżamijiet kollha li jkun jixtieq. Ċertament li dawn id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jrendu l-Qorti Istruttorja bħala qorti li ma tissalvagwardjax il-garanziji ta' smigħ xieraq tal-imputat.

Magħdud ma' dan, l-istess disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jagħtu l-possibilita' lill-imputat fuq l-istess livell tal-Avukat Ġenerali fejn l-imputat jista' jitlob sabiex jinstemgħu xhieda quddiem il-Qorti Istruttorja. Infatti skont l-Artikolu 405 (5) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat jista' jitlob sabiex quddiem il-Qorti Istruttorja jinstema' xhud jew jerġa' jittella' xhud. Meta ssir din it-talba jiskatta obbligu fuq l-Avukat Ġenerali li mhux aktar tard mill-jum ta' wara, jibgħat l-atti tal-kumpilazzjoni lill-qorti sabiex il-qorti tappunta seduta għal dan l-iskop. Dan ipoġġi lill-imputat f'vantaġġ proċedurali meta kkumparat mal-Avukat Ġenerali fejn dan tal-aħħar meta l-imputat jagħmel it-talba tiegħu skont l-Artikolu 405 (5) huwa obbligat li jibgħat l-atti tal-kumpilazzjoni lura sabiex jinstemgħu ix-xhieda indikati mill-imputat.

Illi jsegwi li dina l-lanjanza għandha tiġi miċħuda.

6. Għal għal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni li r-rikorrenti Alfred Degiorgio qiegħed jiġi mċaħħad mill-kontro eżamijiet quddiem il-Qorti Istruttorja u li ġie mċaħħad milli jressaq provi quddiem l-istess qorti, l-esponenti jagħmlu riferenza għal dak li għadu kif intqal dwar l-ewwel lanjanza. L-esponenti jissottomettu li l-ewwel eżerċizzju li għandha tagħmel dina l-Onorabbli Qorti hija li tinkwadra l-funzjoni limitata tal-Qorti Istruttorja li għall-kuntrarju ta' dak li qegħdin jargumentaw ir-rikorrenti dik il-qorti ma tiddeċidiex dwar il-ħtija o meno ta' l-imputati.

Il-funzjoni tal-Qorti Istruttorja hija waħda partikolari u xogħolha huwa biss li jinġabru l-provi tal-Prosekuzzjoni kemm favur u kemm kontra l-imputat: xejn aktar u xejn anqas. Meta l-provi jingħalqu għaliex ikunu kompilati, jinħareġ l-Att tal-Akkuża. Għall-kuntrarju ta' dak li qegħdin jargumentaw ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Istruttorja ma jkunx hemm dikjarazzjoni ta' għeluq tal-provi iżda l-atti proċesswali jintbagħtu għand l-Avukat Ġenerali u jekk l-Avukat Ġenerali jkun tal-fehma li għad fadal provi x'jinġabru mill-Prosekuzzjoni, jirrinvija l-atti b'nota ta' rinviju fejn jindika x-xhieda li jkun għad fadal li jiġu prodotti. Għalhekk l-allegazzjoni ta' abbuż da parti tal-Avukat Ġenerali meta ħareġ l-Att ta' Akkuża in konfront tar-rikorrenti ma jreġix anzi jikkozza mad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali.

Tajjeb li jingħad li għal kuntrarju ta' dak li qiegħed jiġi allegat mir-rikorrenti, ir-rikorrenti għandu kull opportunita' li jagħmel l-kontro-eżamijiet li jixtieq jagħmel fl-istadju opportun u cioe' quddiem il-Qorti Kriminali. L-istess jingħad dwar ix-xhieda li jixtieq itella', man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu, ir-rikorrenti indika x-xhieda li jrid iressaq quddiem il-Qorti Kriminali waqt is-smigħ tal-ġuri.

Kif diġa' intqal aktar 'il fuq f'din ir-Risposta, huma l-istess disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jagħtu l-possibilita lill-imputat fuq l-istess livell tal-Avukat Ġenerali fejn l-imputat jista' jitlob sabiex jinstemgħu xhieda quddiem il-Qorti Istruttorja. In fatti skont l-Artikolu 405 (5) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat jista' jitlob sabiex quddiem il-Qorti Istruttorja jinstema' xhud jew jerġa' jittella' xhud. Meta ssir din it-talba jiskatta obbligu fuq l-Avukat Ġenerali li mhux aktar tard mill-jum ta' wara, jibgħat l-atti tal-kumpilazzjoni lill-qorti sabiex il-qorti tappunta seduta għal dan l-iskop. Dan ipoġġi lill-imputat f'vantaġġ proċedurali meta kkumparat mal-Avukat Ġenerali fejn dan tal-aħħar meta l-imputat jagħmel it-talba tiegħu skont

l-Artikolu 405 (5) huwa obbligat li jibgħat l-atti tal-kumpilazzjoni lura sabiex jinstemgħu x-xhieda indikati mill-imputat.

Ir-rikorrenti jallega li fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari, il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjoni tar-rikorrenti b'riferenza għax-xhieda ta' Mario Cmarec. Dak li ma jgħidx ir-rikorrenti huwa li sar appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali liema appell għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Peress illi l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja ma tiddeterminax ħtija ommeno, anke li kieku tali Qorti, biss għall-grazzja tal-argument, żbaljat meta ma ippermettietx li r-rikorrent Alfred Degiorgio jagħmel tali kontro-eżamijiet (jekk dan huwa tassew il-każ), dan ma seta' qatt kellu influwenza materjali (*material bearing*) fuq l-eżitu tal-każ – eżitu li, wara kollox, ma nafuhx. Proprju għalhekk l-azzjoni ittentata hija għal kollox intempestiva;

Isegwi li dina l-lanjanza għandha tiġi miċħuda.

7. Għal dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti Alfred Degiorgio li ġie mċaħħad milli jkollu t-talbiet tiegħu ikkunsidrati, l-esponenti jissottomettu li dawn huma kwistjonijiet li r-rikorrenti kellu jqajjem quddiem il-Qorti Kriminali u, li fil-fatt diġa' qajjem fl-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu liema eċċezzjonijiet jinstabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, mhux juża l-azzjoni odjerna bħala pretest u jittenta jagħmel talbiet f'forum li mhuwiex il-forum kompetenti. Hija l-Qorti Kriminali li għandha l-ġuridizzjoni li tiddeċiedi dwar l-ammissibilita' ta' xhieda jew allegazzjonijiet ta' natura proċedurali u r-rikorrenti għandu jqajjem tali kwistjonijiet quddiem dik il-Qorti. Kif diġa' ingħad, l-esponenti Avukat Ġenerali bl-ebda mod u manjiera ma ċaħħad lir-rikorrenti minn aċċess għall-qorti, l-istess rikorrenti għandu aċċess għall-Qorti Kriminali fejn jista' jagħmel it-talbiet tiegħu għall-kunsiderazzjoni tal-imsemmija qorti.

Isegwi li dina l-lanjanza għandha tiġi miċħuda.

8. Għal dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti li l-Qorti Istruttorja mhijiex qorti indipendenti u imparzjali u ma tiggarantix smigħ xieraq billi ma jeżistix stadju tal-provi tad-difiża u billi l-Avukat Ġenerali jista' allegatament jibblokka lill-imputat milli jressaq il-provi tiegħu, l-esponenti jagħmlu riferenza għal dak li ntqal aktar 'il fuq f'dina r-Risposta meta kien qiegħed jiġi indirizzati l-ilmenti wieħed sa tlieta.

Ir-rikorrenti qegħdin jinvokaw allegat ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms*. L-esponenti jirrilevaw li l-prinċipju tal-equality of arms jimplika li kull parti għandu jkollha l-opportunita' raġjonevoli li tippreżenta l-każ u l-provi tagħha taħt kundizzjonijiet li ma jqegħduhiex fi żvantaġġ fil-konfront tal-parti l-oħra. Madankollu, l-partijiet ma għandhomx dritt assolut li jipproduċu xhieda. Illi ċertament li mhux biżżejjed li l-parti turi li ma ngħatatx seduta sabiex ittella' xhieda *viva voce* u tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha bil-fomm. Il-prinċipju tal-*equality of arms* huwa xorta waħda rispettat jekk il-partijiet jingħataw il-fakulta' li jippreżentaw il-każ tagħhom fi stadju ulterjuri. F'dan il-każ, ir-rikorrenti għandhom l-opportunita' li jtellgħu x-xhieda kollha li jridu jipproduċu quddiem il-Qorti Kriminali u li jagħmlu l-kontro-eżamijiet tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni quddiem l-istess Qorti. Hija l-Qorti Kriminali li ser tiddeċiedi l-akkużi miġjuba kontra r-

rikorrenti u r-rikorrenti għandhom kull opportunita' li jipproduċu x-xhieda quddiem dik il-Qorti.

In oltre, l-istess disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jagħtu l-possibilita' lill-imputat fuq l-istess livell tal-Avukat Ġenerali fejn l-imputat jista' jitlob sabiex jinstemgħu xhieda quddiem il-Qorti Istruttorja. Infatti skont l-Artikolu 405 (5) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat jista' jitlob sabiex quddiem il-Qorti Istruttorja jinstema' xhud jew jerġa' jittella' xhud. Meta ssir din it-talba jiskatta obbligu fuq l-Avukat Ġenerali li mhux aktar tard mill-jum ta' wara, jibgħat l-atti tal-kumpilazzjoni lill-qorti sabiex il-qorti tappunta seduta għal dan l-iskop. Dan ipoġġi lill-imputat f'vantaġġ proċedurali meta kkumparat mal-Avukat Ġenerali fejn dan tal-aħħar meta l-imputat jagħmel it-talba tiegħu skont l-Artikolu 405 (5) huwa obbligat li jibgħat l-atti tal-kumpilazzjoni lura sabiex jinstemgħu x-xhieda indikati mill-imputat.

Ulterjorment, jiġi relevant illi fl-ewwel ilment ir-rikorrenti jirrikonoxxu illi ma hemmx avversarjetà fil-proċediment penali *pre-trial* tant illi jiddikjaraw illi '*it is emphasized that this description of the Attorney-General as a "party" applies to him only as a prosecutor before H.M.'s Criminal Court. Before the filing of the indictment and so long as he is exercising the functions which we have already mentioned, assigned to him by law with reference to the acts of the enquiry he is not a party, but an authority independent of the Court of Inquiry and indeed, exercising a jurisdiction - as a general or chief magistrate – superior to that of that Court.'* Iżda, fil-ħames ilment tagħhom, jippretendu li jkun hemm avversarjetà meta jilmentaw, fil-paragrafu 6.1, illi '*…ma jeżisti l-ebda stadju tal-provi tad-difiża.'* L-iskop tal-kumpilazzjoni huwa li tiġbor il-provi, mhux li tiddeterima l-ħtija ommeno. Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja tiġbor u tippreserva l-provi. Dan huwa paċifiku u jirriżulta minn sempliċi qari tal-artikoli 389-409A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali. Kontemporanjament, addirittura fl-istess ilment (l-ewwel wieħed), ir-rikorrenti jippresupponu l-istess avversarjetà (illi sussegwentement jilmentaw li hija nieqsa) meta jilmentaw illi *'in kwantu idejn il-Qorti Istruttorja huma marbutin minn dak li jiddettalha u jordnalha l-Avukat Ġenerali, hija tal-fehma tal-esponenti illi l-Qorti Istruttorja mhijiex qorti indipendenti u imparzjali u mhijiex qorti illi tagħti smigħ xieraq kif għandha tkun qorti jew awtorita' ġudikanti kif garantit mill-atikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta billi, fost affarijiet oħra, ma għandhiex diskrezzjoni jew ma għandhiex diskrezzjoni biżżejjed illi tirregola l-ġbir tal-provi';*

Isegwi li dina l-lanjanza għandha tiġi miċħuda.

9. Għal dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti li espert nominat mill-Qorti Istruttorja ma nstemax, l-esponenti a skans ta' ripetizzjoni jagħmel riferenza għal dak li diġa' ngħad aktar 'il fuq f'dina r-Risposta u dan stante li minkejja li dina l-allegazzjoni hija mlibbsa bħala ilment ġdid meta wieħed jeżamina dak li qiegħed jingħad mir-rikorrenti, jirrealizza li hija biss eżempju li r-rikorrent qiegħed iġib b'riferenza għall-ilment preċedenti.

Isegwi li dina l-lanjanza għandha tiġi miċħuda.

10. Għal dak li jirrigwarda l-aħħar ilment u cioe' li allegatament il-Qorti Istruttorja irrifjutat li tagħmel dak ordnat lilha mill-Qorti Kriminali u ċaħdet it-talba tar-rikorrenti li allegatament kienet diġa' milqugħa mill-Qorti Kriminali, l-esponenti jissottomettu li azzjoni ta' indoli kostituzzjonali mhijiex intiża sabiex tippronunzja ruħha jekk deċiżjonijiet mogħtija minn qrati oħra humiex deċiżjonijiet tajbin o meno.

Id-dritt għal smigħ xieraq ma jiggarantixix il-korrettezza tas-sentenzi fil-mertu iżda jiggarantixxi biss il-ħarsien ta' ċerti prinċipji proċedurali li jikkonduċu għall-amministrazzjoni tajba għall-ġustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, m'hijiex waħda ta' reviżjoni tas-sentenzi ta' Qrati oħra biex tara jekk ġewx deċiżi b'mod tajjeb jew le iżda l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux jew le d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni jew tal-Kostituzzjoni.

Magħdud ma' dan, l-esponenti jagħmlu riferenza għal dak li jingħad aktar 'il fuq f'dina r-Risposta għal dak li jirrigwarda l-ewwel ilment.

Isegwi li dina l-lanjanza għandha tiġi miċħuda.

Rat in-Nota tal-intervenuti fil-kawza l-Avukat Dr Peter Caruana Galiza, Paul, Andrew u Matthew ahwa Caruana Galizia li permezz tagħha eċċepew illi :

1. L-esponenti ingħataw il-fakulta` li jintervjenu fil-proceduri odjerni u għalhekk qegħdin iressqu l-pozizzjoni tagħhom u r-reazzjoni tagħhom għar-rikors imressaq minn Alfred Degiorgio u George Degiorgio;

2. L-esponenti jissottomettu illi t-talbiet imressqa mir-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom u dan għas-segwenti raġunijiet:

A. Dina l-Onorabbli Qorti qiegħda tiġi mitluba tiddeċiedi mingħajr il-fatti kollha quddiemha, waqt li proċeduri ordinarji għadhom pendenti u għalhekk il-proċeduri odjerni huma intempestivi.

3. Preliminarjament r-rikorrenti ma gabux il-fatti tal-kaz kollha għall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u dan jiżvija d-determinazzjoni tal-proċeduri odjerni. Ir-rikorrenti llum jinsabu għaddejjien proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali wara li huma tqegħdu taħt att ta' akkuża maħruġ fil-konfront tagħhom, iżda tali proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali għadhom ma ġewx ezawriti b'tali mod illi anke wara l-preżentata ta' dawn il-proċeduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti baqgħu jseħħu fatti proċesswali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja li huma relevanti għal dina l-Onorabbli Qorti. Hekk pereżempju quddiem dik il-Qorti Kriminali saru rikorsi oħra mir-rikorrenti liema rikorsi jirrelataw ma' xhieda u provi; ir-rikorrenti għad għandhom ukoll appelli pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u qegħdin iseħħu jew diġa' seħħew seduti ohra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja.

4. Allura ċ-ċirkostanzi kollha relevanti għad-determinazzjoni ta' dan il-każ għadhom qegħdin jiżviluppaw b'tali mod li jeffettwa anke l-fatti li minnhom jilmentaw ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti għażlu siltiet minn parti minn process b'mod soġġettiv u b'mod li jżejnu ilment li izda huwa wieħed fieragħ meta tikkunsidra li l-istess ilment tagħhom huwa msejjes fuq ċirkostanzi, deċiżjonijiet u direzzjonijiet li għadhom qegħdin jiżviluppaw quddiem tliet qrati ohra. L-ilmenti tar-rikorrenti huma wkoll fieragħ meta wieħed jikkunisdra li dawk l-iżviluppi li għadhom qegħdin iseħħu quddiem it-tliet qrati l-oħra huma żviluppi xprunati mir-rikorrenti stess b'eżerċizzju ta' drittijiet proċesswali li l-liġi ordinarja tatihom.

5. Għalhekk huwa fieragħ li r-rikorrenti fir-rikors promotorju tagħhom jgħidu li huma eżawrew ir-rimedji ordinarji tagħhom billi tali rimedji mhux biss ma humiex ezawriti iżda għadhom jeżistu, u l-liġi ordinarja tibqa' tatihom rimedji ordinarji kif huma jipparteċipaw f'dawk il-proċeduri penali u kif huma jressqu xhieda u provi u jikkontradixxu provi mressqa mill-prosekuzzjoni sal-ahhar mument tal-ġudizzju fil-konfront tagħhom.

6. Ladarba għadhom qegħdin jizvillupaw iċ-ċirkostanzi relevanti għad-determinazzjoni tal-ilmenti, u saħansitra għadhom qegħdin iseħħu deċiżjonijiet jew direttivi mill-qrati ordinarji li jeffettwaw l-analizi u l-istħarriġ li huwa meħtieġ minn dina l-Onorabbli Qorti, id-determinazzjoni tal-ilmenti mressqa mir-rikorrenti f'dan l-istadju hija waħda li ma tistax issir bis-serjeta' li jitolbu proċeduri ta' indoli kostituzzjonali u r-rikorrenti abbużaw minn dawn il-proċeduri ta' natura straordinarja meta resqu dawn il-proċeduri f'ċirkostanzi fejn il-lanjanzi tagħhom għadhom qegħdin jiġu determinati mill-qrati ta' kompetenza ordinarja.

7. Billi l-proċessi li għadhom pendenti quddiem il-Qorti Kriminali, il-Qorti tal-Appell Kriminali u l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja għaliex saħansitra anke bejn id-data tal-ewwel seduta tal-proċeduri odjerni u llum diġa' inzammu seduti ohra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u saru wkoll rikorsi oħra mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Kriminali l-proċeduri mressqa quddiem dina l-Onorabbli Qorti għandhom jiġu dikjarati li huma intempestivi;

B. Din il-Qorti qiegħda tintalab tissindika ilmenti li dwarhom qrati ordinarji għadhom iridu jiddeċiedu u jagħtu direzzjoni; għalhekk din il-Qorti għandha tagħzel li teddiklina li teżerċita l-poteri tagħha.

8. Hekk kif diġa' intqal aktar 'il fuq u kif jistgħu jikkonfermaw ir-rikorrenti stess u l-atti proċesswali li qegħdin pendenti quddiem il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali, l-ilmenti imressqa mir-rikorrenti ma jistgħux jiġu determinati fil-parametri ta' dawk iċ-ċirkostanzi li għazlu r-rikorrenti u dan għaliex iċ-ċirkostanzi li minnhom jilmentaw ir-rikorrenti għandhom qed jiġu determinati;

9. L-ilmenti, minkejja li r-rikorrenti jipprovaw jimpressjonaw li għandhom seba' ilmenti, fil-fatt meta wiehed janalizza r-rikors promotorju jsib li l-ilment tar-rikorrenti huwa l-istatus tal-Avukat Ġenerali fil-proċeduri fl-istadju tal-ġbir u preservazzjoni tal-provi u kif dan seta' effettwa l-preżentata ta' provi da parti tar-rikorrenti. Anke l-ilment li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja m'hijiex

indipendenti u imparzjali tiddependi fuq l-allegazzjoni tagħhom dwar l-istatus tal-Avukat Ġenerali u kif dan seta' effettwa l-ġbir tal-provi tar-rikorrenti.

10. Essenzjalment ir-rikorrenti jiddejqu li l-Avukat Ġenerali huwa dak li joħroġ l-att tal-akkuża. Ir-rikorrenti lanqas jista' jilmenta li l-Avukat Ġenerali għazel xi provi jitressqu, kemm għaliex il-provi jiġu mfittxija u investigati mill-pulizija li huma rappreżentanti fil-process tal-istruttorja mill-uffiċjali prosekuturi, u anki għaliex huma l-uffiċjali prosekuturi li għandhom l-obbligu tad-'disclosure' u tal-preżentata tal-provi li għandhom. Dak li jagħmel l-Avukat Ġenerali huwa li joħroġ l-att tal-akkuża meta jkunu ġew miġbura u prezervati provi li skont hu huma bizzejjed sabiex l-indagat jitqiegħed taħt att ta' akkuża;

11. Huwa minnu li r-rikorrenti jilmentaw li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja hija nieqsa mill-indipendenza u imparzjalita' izda jsejsu dan l-ilment fuq il-fatt li huwa l-Avukat Ġenerali li joħroġ l-att tal-akkuża. Huma jilmentaw li ladarba din id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali setgħet effettwat ġbir ta' provi quddiem l-Istruttorja allura dik il-Qorti Istruttorja hija nieqsa mill-indipendenza u imparzjalita'.

12 Iżda in kwantu l-ilment għalhekk huwa dwar il-ġbir o meno tal-provi li r-rikorrenti riedu li jkunu fil-proċess istruttorju, dan huwa ilment li sal-lum għadu kopert b'rimedju ordinarji li saħansitra anke wara li ġew preżentati dawn il-proċeduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti r-rikorrenti baqgħu jużaw u l-Qorti Kriminali baqgħet tiddetermina t-talbiet tagħhom dwar ġbir o meno ta' provi oħra. Saħansitra anke fil-mori ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja fuq ordni tal-Qorti Kriminali diga' żammet seduti sabiex jinġabru provi u jinstemgħu xhieda mitluba mir-rikorrenti;

13. Għalhekk in kwantu l-ilment huwa msejjes fuq il-konsegwenza allegata mir-rikorrenti li l-kumbinazzjoni tad-disrkezzjoni tal-Avukat Ġenerali dwar meta joħroġ l-Att ta' Akkuża u s-setgħa tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja setgħu effettwaw il-preżentazzjoni tal-provi tiegħu fl-istadju tal-Istruttorja, huwa ilment li għalih għad hemm rimedji ordinarji fosthom dawk l-istess rikorsi li r-rikorrenti qegħdin jagħmlu quddiem il-Qorti Kriminali u saħansitra wkoll l-appell li huma jistgħu bil-liġi jippreżentaw quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

14. Għalhekk l-esponenti bir-rispett jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita l-poteri mogħtija lilha f'artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u artikolu 4(2) ta' Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi għad hemm rimedji ordinarji li r-rikorrenti jistgħu jużaw u li fil-fatt anke fil-mori ta' dawn il-proċeduri qegħdin juzaw;

C. Il-preġudizzju li minnu jilmentaw ir-rikorrenti għadu ma seħħx u għad hemm istanzi fejn jekk iseħħ jiġi rimedjat mill-qrati ordinarji, għalhekk l-ilment tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu kkunsidrati f'dan l-istadju.

15. Fl-istħarriġ ta' jekk seħħietx vjolazzjoni ta' dritt fundamentali li trid tiġi rimedjata, dak li huwa meħtieġ ma huwiex li sempliċiment isseħħ xi ċirkostanza jew li liġi tkun tagħti xi setgħa partikolari, bħad-diskrezzjoni mogħtija lill-Avukat Ġenerali, jew bħal xi digriet mogħti minn qorti. Dak li huwa meħtieġ huwa li l-

persuna li qiegħda tippretendi li hija vittma ta' vjolazzjoni tkun fil-fatt sofriet preġudizzju li ma ġiex rimedjat bi proċeduri ordinarji;

16. Huwa dak il-preġudizzju li jrid jiġi kkonstatat u ppruvat sabiex Qorti bħal dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tissindika jekk dak il-preġudizzju jkunx seħħ bi vjolazzjoni ta' dritt fundamentali. Għalhekk fil-każ in ezami, din il-Qorti qiegħda tiġi mitluba fir-rikors promotorju tissindika jekk ir-rikorrenti soffrewx preġudizzju li mhux biss għadu ma seħħx izda anke jekk seħħet okkorrenza f'dan ir-rigward, dik l-okkorrenza għadha taħt is-sorveljanza tal-Qorti Kriminali u wara tal-Qorti tal-Apppell Kriminali li t-tnejn għandhom kull setgħa jagħtu rimedji effettivi jekk jikkonstataw li seta' kien hemm jew li se jkun hemm xi preġudizzju fil-konfront tal-akkuzati;

17. Il-konsegwenza tal-ilmenti mressqa mir-rikorrenti hija li allegatament huma ġew imfixkla fil-preżentata tal-provi iżda dan ma huwiex minnu għaliex il-proċess kontra tagħhom għadu fl-istadju fejn huma għad għandhom l-opportunita' li jressqu dawk l-istess provi li huma qegħdin jilmentaw li ma tressqux u dan jistgħu jibqgħu jagħmluh anke waqt il-process ta' ġudizzju fil-konfront tagħhom tramite l-proċess tal-ġurija liema proċess għadu lanqas beda;

18. Huwa għalhekk li ilmenti dwar vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq jiġu kkunsidrati, fil-maġġor parti tagħhom, wara li jkun konkluż il-process. Dan għaliex sabiex wieħed jikkunsidra jekk il-preġudizzju lamentat jammontax għal vjolazzjoni jrid jiġi mistħarreġ jekk dak il-preġuduzzju effettwax l-eżitu tal-proċess bħala proċedura sħiħa. L-unika eċċezzjonijiet li jsiru għal dan il-mod ta' stħarriġ fuq id-dritt għal smigħ xieraq huwa fejn l-ilmenti huma dwar preġudizzji li diga' sehhew u li ma hemmx lok li jiġu rimedjati fil-kors tal-proċeduri quddiem il-qrati ordinarji peress li ma hemmx mezz ordinarju biex jiġu rimedjati;

19. Tant huma limitati l-eċċezzjonijiet li jsiru għal dan il-prinċipju li saħansitra anke meta seħħew mill-Qrati, dawk l-istess qrati ma setgħux jagħtu rimedju għajr li jagħtu dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt u jġibu dan għall-attenzjoni tal-qrati b'kompentenza penali. Iżda meta wieħed jara r-rimedju li qegħdin jippretendu r-rikorrenti wieħed ma jistax ma jinnotax li l-iskop veru tal-ilment huwa preċizament li r-rikorrenti jridu jikkkanċellaw għal kollox l-ewwel stadju tal-proċess daqs li kieku qatt ma seħħ, u fin-nuqqas li dina l-Onorabbli Qorti tagħzel li ma tagħtihomx dak ir-rimedju jitolbu li din il-Qorti tordna li jinstemgħu x-xhieda u provi li qorti ohra (il-Qorti Kriminali) għandha l-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi u għadha fil-ħin li tiddeċiedi.

20. Huwa għalhekk ċar għall-esponenti li l-lanjanzji tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu mistħarrġa f'dan l-istadju tal-proċeduri billi l-preġudizzju li dina l-Onorabbli Qorti ġiet mitluba tirrimedja huwa pregudizzju li fil-kors tal-proċeduri ma huwiex sinifikanti u għadu qiegħed jiġi indirizzat mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

21. Għalhekk l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tastjeni milli tieħu in kunsiderazzjoni t-talbiet tar-rikorrenti u tiċħad l-istess;

D. **Il-preġudizzju li minnu jilmentaw ir-rikorrenti jeżżorbita l-poteri tal-entita' li huma jippretendu li kellha teżerċita dawk il-poteri, u għalhekk il-lanjanzi tar-rikorrenti huma infondati u għandhom jiġu miċħuda.**

22. L-istess preġudizzju allegat mir-rikorrenti, in kwantu jirrelata ma' smigħ ta' xhieda ma huwa preġudizzju xejn billi fis-sistema tal-proċeduri stabbilita fil-ġurisdizzjoni tagħna l-funzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja ma tinkludix fiha poter li tiġġudika u l-uniku poter ta' dik il-qorti hija li tara li l-provi huma preservati. Dik il-qorti ma għandhiex poteri tiddetermina kwistjonijiet relatati ma' relevanza jew ammissibilita' ta' dawk il-provi u hija biss limitati sabiex tippreserva l-provi li jinġibu quddiemha.

23. Fis-sistema tal-process penali d-determinazzjoni tal-ammissibilita' relevanza u deċiżjonijiet dwar preżentata ta' provi u eżamijiet ta' xhieda huma fil-poter tal-Qorti Kriminali b'appell lill-Qorti tal-Appell Kriminali, b'tali mod li huma dawn iż-żewg qrati li jiddeċiedu u jiddeterminaw kwalunkwe kwistjoni li kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiża jista' jkollhom dwar provi u xhieda u fil-fatt huwa f'dan l-istadju li l-prosekuzzjoni u d-difiża huma meqjusa bħala partijiet fi process 'adversarial';

24. Għalhekk kwalunkwe deċizjoni li jista' jagħmel l-Avukat Ġenerali anke tal-Istruttorja tista' tiġi riveduta mill-Qorti Kriminali hekk kif fil-fatt jidher li qiegħed jiġri fl-atti ta' dawk il-proceduri fejn l-istess rikorrenti diversi drabi resqu talbiet quddiem il-Qorti Kriminali sabiex din tibgħat l-atti lura lil Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u l-Qorti Kriminali fejn sabet li t-talba kienet ġustifikata ordnat li dan isir;

25. Il-fatt wahdu li l-process penali jinkludu stadju fejn Qorti tal-Magistrati hija vestita biss bil-poteri li tiġbor u tippreserva l-provi ma jwassalx għal preġudizzju li jammonta għal vjolazzjoni. Huwa għalhekk li tali process irid jiġi meqjus fid-dawl tal-process sħiħ u mhux selettivament b'mod li taqbad stadju li lanqas għandu poter li jagħddi ġudizzju tippretendi li abbazi ta' dak biss il-process intier huwa vizzjat;

26. Fil-fatt tant huwa fieragħ l-ilment tar-rikorrenti meta jippretendu li huma soffrew preġudizzju fil-preservazzjoni tal-provi fl-istadju tal-Istruttorju li huma stess kellhom poter li jorbtu lil Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u lill-Avukat Ġenerali sabiex jiġu mismugħa l-provi tagħhom, u r-rikorrenti ma għamlux hekk. Il-liġi penali tagħti d-dritt lil kull imputat sabiex huwa stess jitlob li l-atti jiġu rinvijati mingħand l-Avukat Ġenerali lura lejn il-Qorti sabiex din tisma' x-xhieda u l-provi li l-imputat ikun jixtieq jisma'. Ir-rikorrenti ma uzawx dan il-poter proċedurali li jagħtihom l-artikolu 405(5) tal-Kodiċi Kriminali, minkejja li huwa dritt li jagħti lill-imputat il-poter li jissupera lill-Avukat Ġenerali u saħansitra jsir f'dak ir-rinviju ezattament li jitlob li jsir l-imputat;

27. Ukoll għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jigu miċħuda.

E. Stħarrieg ta' jekk proċedura penali irrispettatx kriterju tal-'equality of arms' irid isir fl-ambitu tal-proċeduri sħaħ u mhux bil-pezzi u bukkuni, u għalhekk ukoll għandhom jiġu miċħuda l-lanjanzi tar-rikorrenti.

28. In kwantu l-ilmenti tar-rikorrenti jirrigwardaw l-applikabbilita' tal-prinċipju tal- 'equality of arms' dan juri kemm aktar u aktar il-lanjanzi jistgħu biss jiġu mistħarrġa fl-ambitu ta' proċess sħiħ u mhux ta' parti żgħira minnu li lanqas ma teffettwa l-ġudizzju tiegħu;

29. Il-prinċipju tal-equality of arms huwa wieħed li jitlob li parti ma tkunx preġudikata b'tali mod li dak il-preġudizzju jista' b'mod materjali u ċar jeffettwa d-determinazzjoni finali tal-ħtija tal-parti. Issa l-lanjanzi lanqas jittrattaw dik il-parti tal-process li tiddetermina l-ħtija tar-rikorrenti, iżda wkoll lanqas qegħdin fi stadju fejn jistgħu jinfluwenzaw b'mod materjali l-eżitu ta' dak il-ġudizzju billi huma l-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali li jistgħu jiddeterminaw u saħansitra l-Qorti Kriminali għandha l-obbligu li tara li jkun hemm 'equality of arms' fil-process ta' ġudizzju li jsir minnha.

30 Għalhekk ir-rikorrenti qegħdin f'partijiet speċjalment meta jirriferu għal digriet li l-ezitu tiegħu ma kienx favorevoli għalihom jippretendu li dina l-Onorabbli Qorti taġixxi ta' qorti ta' appell, u f'partijiet oħra qegħdin jippretendu li dina l-Onorabbli Qorti taqdi l-funzjoni li tispetta lil qrati ordinarji oħra.

31. Għalhekk il-lanjanzi tar-rikorrenti wkoll għandhom jiġu miċħuda.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat li r-rikorrenti naqsu li jagħmlu nota ta' sottomissjonijiet aħħarija minkejja li ngħataw terminu biex jagħmlu dan.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Istat.

Ikkunsidrat:

Essenzjalment ir-rikorrenti qiegħdin jilmentaw minn nuqqas ta' smigħ xieraq fi proċeduri kriminali miftuħin kontrihom li wasslu għal ġuri b'akkużi ta' omiċidju volontarju. Fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża, beda l-ġuri u r-rikorrenti ammettew l-akkużi kontra tagħhom. M'hemmx dubju għalhekk li kwalunkwe preġudizzju li setgħu sofrew minħabba nuqqas ta' smigħ xieraq minnhom allegat ġie fix-xejn. Barra minn hekk, ma fadalx lok li l-Qorti tilqa' l-aħħar talba u tordna jew illi l-atti tal-kumpilazzjoni fil-konfront tal-esponenti jiġu mħassra u mibdija mill-bidu jew alternattivament li l-atti tal-kumpilazzjoni

jintbagħtu lura quddiem il-Qorti Istruttorja biex tisma' kull prova illi ma semgħetx. Lanqas fadal lok li tordna lill-Qorti Struttorja sabiex tipprovdi dwar kull talba illi ma tat l-ebda provvediment fuqha jew li tħassar u tannulla d-digriet mogħti mill-Qorti Istruttorja fil-21 ta' Jannar, 2021 jew li tordna lill-Qorti Istruttorja tagħmel dak ordnat lilha mill-Qorti Kriminali fid-digriet tas-7 ta' Jannar, 2021.

Għalkemm ir-rikorrenti ma ċedewx formalment l-atti tal-kawża fil-mertu, ladarba l-istess mertu huwa eżawrit u l-Qorti m'hijiex se' jkollha tagħti deċiżjoni dwarha, huwa xieraq li għall-finijiet ta' tassazzjoni jitqies bħallikieku l-kawża kienet ċeduta.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

Tastjeni milli tqis it-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu, u dan fid-dawl tal-fatt li l-mertu tat-talbiet tagħhom kien eżawrit matul iż-żmien li l-istess kawża kienet qiegħda tinstema'; iżda tordna li r-rikorrenti jħallsu l-ispejjeż tal-kawża.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA